MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 542/2002/1

**M. A. S. Communications Ltd**

**vs**

**The Malta External Trade Corporation Limited u b'nota tat-12 ta' Jannar 2005 l-Korporazzjoni Malta Enterprise assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` konvenuta appellata ai termini ta' l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 463 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Frar, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Marzu 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1253.50c)

rapprezentanti l-prezz ta' fornitura ta' "electronic data" flimkien ma' "digital images" ghall-paviljun ta' Malta fil-fiera li nzammet f'Hanover, il-Germanja fis-sena 2000, liema somma hija douvta (a) kwantu ghal Lm793.50, skond fattura numru 578/00 datata 22 ta' Gunju 2000, u (b) kwantu ghal Lm460.00 skond fattura numru 980/00 datata 30 ta' Settembru 2000, u dan skond kopji annessi mat-talba u mmarkati rispettivament dok. "A" u "B".

Bl-ispejjez, tat-talba, ta' l-ittra interpellatorja datata 17 ta' Mejju, 2001 u ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Settembru 2001 (kopji hawn annessi u mmarkati rispettivament dok. "C" u "D"), u bl-imghaxijiet mid-dati ta' hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta prezentata fit-8 t'April, 2002 fejn intqal:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-servizz u l-prodott ipprovdut mis-socjeta' attrici lis-socjeta' esponenti, ma kienetx tal-kwalita' pattwita.
2. Illi fil-fatt, is-socjeta' esponenti kienet talbet lis-socjeta' attrici, tipprovdi kontenut miftiehem fuq DVD's li "jilloopjaw" u cioe' li jistghu jibqghu jintlaghbu fuq DVD fuq player minghajr il-bzonn li wiehed ikollu kull darba jaghfas il-buttuna "play" u dan minhabba l-fatt li d-DVD's kellhom jidhru kontinwatament fuq "screen" li kien hemm fuq l-istand ta' Malta waqt l-EXPO 2000.
3. Illi gara, pero' li d-DVD's ipprovduti mis-socjeta' attrici ma kellhomx din il-karatteristika.
4. Illi b'rizultat ta' dan, is-socjeta' esponenti garrbet ukoll danni konsiderevoli, inkwantu kienet kriet inutilment diversi "screens" u "DVD players", u dan billi minghajr id-DVD's ordnati, ma kienx hemm skop li dawn id-DVD "player" u "screen" jintuzaw.

Rat il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta pprezentata fit-8 ta' April 2002 fejn intqal:

Illi s-socjeta' rikonvenzjonata Malta External Trade Corporation Limited, kienet inkarigat lis-socjeta' M.A.S.

Communications Limited, sabiex tipprovdilha kwantita' ta' DVD's b'filmat u kontenut miftiehem, liema DVD's kellhom jintuzaw sabiex jintwerew fuq "screens" li kien hemm fuq l-"istand" ta' Malta fl-EXPO 2000;
Illi billi dawn id-DVD's kellhom jintwerew ghal hin twil, u l-istaff fuq l-"istand" kienu ser ikunu mpenjati, l-Malta External Trade Corporation Limited, tablet li d-DVD's ikunu ta' kwalita' li jistghu "jilloopjaw" u cioe' jibqghu jintwerew kontinwament minghajr il-bzonn li wiehed kull darba jaghfas il-buttuna "start" jew "play" kull darba li l-filmat jispicca;

Illi apparti l-fatt li d-DVD's gew issuppliti tard, dawn ma kellhomx il-karatteristika miftiehma tal-"looping";

Illi b'rizultat ta' dan, is-socjeta' rikonvenzjonata The Malta External Trade Corporation Limited, garrbet danni konsistenti f'kiri bla bzonn ta' DVD players, u "screens" in kwantu d-DVD's issupliti ma setghux jintuzaw;

Illi ghalkemm debitament interpellata sabiex tersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti, s-socjeta' rikonvenzjonata M.A.S. Communications Limited baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' rikonvenzjonata ghalhiex m'ghandux dan it-Tribunal:-

Jiddikjara illi s-socjeta' M.A.S. Communications Limited kienet responsabbli ghad-danni subiti mis-socjeta' The Malta External Trade Corporation Limited minhabba l-fatt illi d-DVD's pprovduti minnha ma kellhomx il-karatteristika ta' "looping", kif rikjest mis-socjeta' The Malta External Trade Corporation Limited;

Tillikwida d-danni subiti mis-socjeta' The Malta External Trade Corporation Limited, b'rizultat tan-nuqqas da parti tas-socjeta' M.A.S. Communications Limited;

Tikkundanna lis-socjeta' M.A.S. Communications Limited thallas id-danni hekk likwidati, liema danni ghal kull buon fini qed jigu limitati ghas-somma ta' Lm1500.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' M.A.S. Communications Limited li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ghal kontro-talba tas-socjeta' konvenuta pprezentata fit-23 ta' April 2002 fejn intqal:

Is-socjeta' attrici rikonvenuta qed tirrespingi t-talbiet tas-socjeta' konvenuta rikonvenjenti bhala totalment nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghar-raguni li, kuntrarjament ghal dak allegat kontriha, s-socjeta' attrici rikonvenuta wzat il-prudenza u d-diligenza kollha fil-kors tan-negozju taghha mas-socjeta' rikonvenjenti.

Fil-fatt, kienet is-socjeta' konvenuta rikonvenjenti stess li kienet ghal kollox traskurata u li zvijat lis-socjeta' attrici rikonvenuta, biex ghaldaqstant hija unikament is-socjeta' konvenuta rikonvenjenti li ghandha tbati n-nuqqasijiet taghha stess.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta rikonvenjenti li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Semgha x-xhieda ta' Mark Spiteri, Charles Galea, James Spiteri, John Vella Zarb, Winston Degiorgio, Jens Klein. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:
1. Din il-kawza tirrigwarda prezz ta' fornitura ta' *electronic data* u *digital images* ghal paviljun ta' Malta fil-Fiera ta' Hannover fl- EXPO 2000. Dana l-ammont huwa maqsum fi tnejn u cioe' seba' mija u tlieta u hamsin lira u hamsin centezmu (Lm753.50) skond fattura 578/00 datata 22 ta' Gunju, 2000 Dokument A u erbgha mija u sittin lira (Lm460) skond fattura 980/00 datata 30 ta' Settembru, 2000.
2. Is-socjeta' konvenuta qed tghid illi s-servizz ma kienx tal-kwalita' pattwita' peress illi d-DVD's suppliti suppost kienu jilloopjaw cioe' s-socjeta' konvenuta qed

tghid li riedet tip ta' sistema illi ma tirrikjedix illi taghfas buttuna kull darba li jispicca d-DVD partikolari, izda illi malli jispicca jerga' jibda jintwera mill-gdid awtomatikament. Inoltre s-socjeta' konvenuta qieghda tghid illi garrbet danni minhabba illi d-DVD's in kwistjoni ma kellhomx din il-karratteristika peress illi kriet diversi « DVD players » u « screens » ghalxejn u f'dan is-sens ghamlet kontro talba. Is-socjeta' konvenuta ilmentat ukoll illi d-DVD's gew suppliti tard.

3. Bhala provi xehed Mark Spiteri *Managing Director* tas-socjeta' attrici u dana ghamel referenza ghaz-zewg *invoices* esebiti, l-*invoice* Dokument A kien jirrigwarda xoghol li kien sar fil-paviljun fil-Germanja ghan-nom tal-konvenut, u precizament dan ix-xoghol kien jinvolvi l-gbir tas-*software. L-invoice* mmarkat Dokument B kien jirreferi ghal gbir ta' *videos* ta' diversi kumpaniji parastatali. Ix-xhud jaqbel illi kien hemm urgenza sabiex ix-xoghol isir peress illi l-fiera kienet ser tibda fi zmien xahar u nofs minn meta gew avzati. Skond l-istess xhud kienet is-socjeta' konvenuta li kellha tipprovdi d-"*DVD player"* filwaqt illi s-socjeta' attrici kellha tipprovdi d-DVD's. Ix-xhud spjega li kien importanti ghas-socjeta' attrici li tkun taf il-partikolaritajiet tad-DVD player sabiex tipprepara s-*software* adekwat. Huwa nnota illi s-socjeta' konvenuta ma kellhiex *DVD players* ghad-disposizzjoni u li s-socjeta' attrici giet informata b'dan wara li accettaw ix-xoghol. Ix-xhud jaqbel illi *METCO* riedu *looping DVD* pero' s-socjeta' attrici ma sabitx DVD li jiehu din il-funzjoni partikolari. Is-socjeta' attrici kienet ikkuntatjat lil Forestals ghal manwal tad-DVD players, liema manwal ma giex supplit. Ix-xhud jispjega illi d-DVD's ma tlestewx fil-hin minhabba din il-problema partikolari tal-*looping*. Huwa spjega wkoll illi s-socjeta' konvenuta kienet ikkuntatjathom qrib l-ahhar ta' Marzu u l-ewwel DVD's kienu lesti f'Gunju, cioe' meta l-fiera kienet gia bdiet. Ix-xhud jikkonferma illi ssupplixxew id-DVD's sa l-ahhar ta' Lulju, u li l-fiera damet sitt xhur.

*4.* Charles Galea *Project Manager* ghal paviljun ta' Malta ghall-*EXPO 2000* qal illi kien hemm 28 screens fil-paviljun. Ix-xhud qal illi peress illi l-fiera damet ma kienx possibbli li juzaw il-format normali ta' *video,* u ghalhekk avvicinaw lis-socjeta' attrici sabiex jaqilbu f'DVD's dak li kien hemm fuq *websites* tal-Gvern dwar azjendi, u dana

ghal fini ta' l-*EXPO.* Huwa jghid illi dana gara f'Mejju, 2000. Ix-xhud ighid illi kienu nghataw l-ewwel parti tax-xoghol cioe' dik li tirrigwarda l-invoice Dok A li mhix kontestata. Innota illi kien qed jikkontesta d-Dokument B peress illi d-DVDs illi waslu f'Lulju ma kellhom il-*looping function*. Minhabba f'hekk matul iz-zmien ta' l-*EXPO* hafna *«DVD players »* ma ntuzawx. Skond Charles Galea l-ftehim mas-socjeta' attrici kien illi l-programm ikun fih din il-«*looping function».* Huwa jikkonferma li d-DVD's kienu nkrew minghand Forestals u skond hu d-difett ma kienx fid-DVD players, peress illi meta wzahom ricentement sab li dawna jilloopjaw. Ghalhekk ix-xhud qed jindika r-raguni l-ghala dawn ma kienux jilloopjaw bhala nuqqas fis-sistema tas-*software.*

Ix-xhud ighid ukoll illi *Sign It Limited* kienet ikkuntrattatha biex tforni l-materjal kollu ghal paviljun Malti. Ix-xhud irrefera ghal ittra datata 20 ta' Gunju, 2002 Dok CG 1 a Fol 31 tal-process mibghuta lil James Spiteri tas-socjeta' konvenuta dwar invoice datat 28 ta' Marzu, 2001 li jirrigwarda nstallazzjoni ta' tlett tv monitors godda, tlett DVD players godda ghal *EXPO 2000*. Dana l-invoice kien fl-ammont ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300) u kien jinkludi fih l-ispejjez inkorsi minnhom ghall-akkomodazzjoni ta' persuna teknika. L-istess Charles Galea ddikjara illi s-socjeta' konvenuta kienet qed tillimita t-talba ta' l-ammont taghha ghal elf u hames mitt lira (Lm1,500) ghal fini ta' kompetenza.

Ix-xhud ighid illi Spiteri qatt ma kien qallu li kellu bzonn il-manwali tad-*DVD players.*

5. Ix-xhud Winston Degiorgio ghas-socjeta' Forestals ighid illi kienu ssupplixew *"DVD players"* lil *Sound System Limited u* d-DVD players kienu godda u kellhom il-facilita' li jilloopjaw. Huwa nnota li ma' kull *"DVD player"* jinghata manwali. Ix-xhud jinnota illi jiftakar li Spiteri kien staqsieh dwar jekk id-*"DVD players"* kellhomx il-"*looping function".* Ix-xhud innota wkoll illi dwar it-tekniku Jens Klein dan kien mar jipprova d-*"DVD players"* partikolari, pero' jinnota b'certezza illi dakinhar li kien hemm Klein ma gietx ippruvata l-funzjoni tal-"*looping".*

6. John Vella Zarb, *Managing Director ta' Sound System Audio Visual Limited* ikkonferma li kellu jipprovdi l-apparat tekniku u s-*servicing ghall-EXPO.* Jikkonferma

li pprovda *"34inch monitors" u "DVD players"* godda. Huwa spjega illi d-DVDs kienu gew ipprovduti mis-socjeta' attrici. Ix-xhud innota illi dawn ma kienux jilloopjaw awtomatikament u meta vverifika fil-manwal sab illi ma kienux qeghdin jilloopjaw peress illi fid-DVD partikolari ma kienx gie rrekordjat il- *playing time.*
Hu ghalhekk ikkuntattja lil Spiteri sabiex jaghmel DVDs ohra u li jkun fihom il-*playing time* u kien qallu wkoll sabiex jiccekkja ma' Degiorgio sabiex jara li jkunu jilloopjaw. Ix-xhud innota illi ntbaghtu DVDs ohra u malli rahom mall-ewwel innota li kien ser ikun hemm l-istess problema. Ix-xhud ighid illi kien mar Degiorgio u tah DVDs li jilloopjaw u hadmu tajjeb fuq id-*DVD players* li kien hemm.
Ix-xhud jikkonferma illi d-*"DVD players"* kien xtrahom minghand Forestals Limited. *Sign It Limited* huma klijenti tax-xhud u kien issupplixxa hu lil *Sign It*, u dawn da parti taghhom issupplixxew lis-socjeta' konvenuta.

7. Jens Klein xehed illi, bhala direttur ta' E.V. Studio Limited kien ikkuntatjat mis-socjeta' attrici biex jipproduci d-DVDs ghal EXPO 2000. Skond Jens Klein kienet is-socjeta' konvenuta li kellha tassigura li tuza apparat kompatibbli sabiex id-DVD jilloopja. Skond l-istess xhud il-looping function "is not really an issue of programming of those dvds, it rather is a matter which is dependant on the dvd player." Skond ix-xhud m'ghandux dubbju illi d-dvds kienu prodotti f'mod li kienu jilloopjaw sakemm jigu inseriti f'dvd player li kellu tali funzjoni.

8. Minn valutazzjoni tal-fatti jirrizulta illi s-socjeta` attrici kienet taf li kien hemm certa urgenza ghal dawn id-dvd's u kienet taf ben tajjeb meta ser jibda l-EXPO. Meta accettat ix-xoghol kienet taf li dan kellha tlahhqu sa certu zmien.

9. Dwar id-dvd players, ghalkemm is-socjeta` attrici qed tghid li ma gietx supplita bil-manwali, mix-xhieda ma jirrizultax li dawn id-dvd players kellhom xi difett, anzi dawn kellhom ukoll dik il-funzjoni partikolari li riedet is-socjeta` attrici, kif konfermat mir-rapprezentant tas-Socjeta` Forestals u minn John Vella Zarb. Anzi ghandu jigi enfasizzat dak li xehed Vella Zarb dwar id-dvd's partikolari, meta dana qal illi ma kienux qed jilloopjaw peress li fid-dvd ma kienx gie irrekordjat il-*playing time*. Kien ghalhekk li Vella Zarb kien qal lil Spiteri biex jaghmel dvd's ohra, u dawn regghu saru hazin. Jens Klein, li hu

tekniku fil-materja, jghid li il-kwistjoni kienet dipendenti fuq id-dvd players. Pero` dana jidher kontradett mix-xhieda l-ohra, tant illi meta fl-istess dvd player tpogga dvd li gie maghmul bil-funzjoni li jilloopja, dan hadem sew. Ghalhekk it-Tribunal qed iqies li fil-fatt id-difett kien fid-dvd’s u mhux fid-dvd players suppliti. Ghas-software u kumpilazzjoni kienet responsabbli is-socjeta` attrici.

10. Skond ix-xhud Charles Galea jidher li dak li hu kontestat huwa l-invoice Dok.B fl-ammont ta’ erba’ mija u sittin lira (Lm460.00), filwaqt li ma jidhirx li hu kontestat l-invoice Dok.A fl-ammont ta’ seba’ mija u tlieta u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm793.50). Ghalhekk in kwantu irrizulta li s-software ma kienx sar bil-mod rikjest, it-Triubunal qed jilqa it-talba attrici limitatament fis-somma ta’ seba’ mija u tlieta u disghin lira u hamsin centezmu (Lm793.50).

11. Dwar il-kontro-talba jirrizulta illi bhala konsegwenza ta’ dawn id-dvds difettuzi, il-korporazzjoni konvenuta inkorriet spejjez ammontanti ghall-elf u tmien mitt lira li ghal fini ta’ kompetenza gew ridotti ghall elf u hames mitt lira (Lm1500.00). It-Tribunal qed iqies illi dana l-ammont jinkludi “supply, installation and mounting….. of three dvd players” u technician. Ma jirrizultax li ma sarx uzu minn dan it-technician. Lanqas ma jirrizulta li d-dvd players kollha m’intuzawx, anzi hemm certezza li almenu wiehed minnhom intuza. Ghalhekk it-Tribunal mill-elf u hames mitt lirta mitluba qed iqies li s-socjeta` konvenuta ghandha tithallas elf lira (Lm1000.00). Ghalhekk it-Tribunal qed jilqa’ il-kontrotalba tas-socjeta` konvenuta fis-sens li l-istess socjeta` attrici ghandha taghti lis-socjeta` konvenuta is-somma ta’ elf lira Maltija (Lm1000.00).

12. Ghalhekk b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 1196 tal-Kap.16 jigi li s-socjeta` attrici ghandha taghti lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ mitejn u sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm206.50).

Ghaldqastant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ seba’ mija u tleita u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm793.50), u qed jilqa’ il-kontro-talba konvenuta limitatament fl-ammont ta’ elf lira Maltija (Lm1000), u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 1196 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta jigi li s-socjeta` attrici ghandha

taghti lis-socjeta` konvenuta is-somma ta' mitejn u sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm206.50), u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta l-ammont ta' mitejn u sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm206.50) bla imghax.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Is-socjeta` attrici dehrilha li din is-sentenza kienet taggravaha u ghalhekk appellat minn dawk il-kapi taghha fejn it-Tribunal cahdilha t-talba ghal hlas tat-tieni fattura u akkolja l-kontro-talba ghad-danni fil-konfront taghha. Principalment tadduci dawn iz-zewg aggravji:

I. Is-socjeta` konvenuta qatt ma tat prova tad-dannu allegat billi qatt ma pproduciet ricevuta tal-hlas;

II. It-Tribunal ghamel apprezzament erroneju tal-fatti, ghazel li jistrieh fuq analisi ta' nies inesperti u skarta dik tax-xhud espert prodott minnha;

Il-Qorti tibda biex taghmel dawn l-osservazzjonijiet preliminari:-

(1) Is-socjeta` konvenuta ~~ma wegbitx~~ wiegbet[1] ghal dawn l-aggravji;

(2) L-appell interpost tista' tghid hu kwazi ristrett ghal kollox fuq l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal tant li kwazi ma jikkontjeni l-ebda sottomissjoni ta' dritt;

(3) In kwantu l-kontro-talba ghad-danni hi bazata fuq il-premessa ta' l-inadempjenza minhabba nuqqas tal-kwalita` pattwita fil-prodott konsenjat, ma jirrizultax li t-Tribunal ezamina l-portata ta' l-Artikolu 1390 Kodici Civili,

[1] korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2005.

li fuqu hi akkampata kemm l-eccezzjoni kif ukoll il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta;

(4) Bl-iskop li din il-Qorti tapprofondixxi ahjar it-tieni aggravju ser tghaddi biex minnufih tirrigetta l-ewwel aggravju anke ghaliex dan hu ghal kollox insostenibbli. Mill-atti jirrizulta illi meta Charles Galea, Project Manager tas-socjeta` konvenuta, gie kontro-ezaminat dan wiegeb li s-socjeta` tieghu kienet hallset ghal kuntratt kollu li kellha ma' Sign It Limited (fol. 39). Is-socjeta` attrici ma nsistietx ghall-produzzjoni tar-ricevuta. In tema legali huwa pacifiku illi ghal prova deciziva tal-hlas il-produzzjoni tar-ricevuta mhix indispensabbli. Hu fil-fatt rikonoxxut illi dik il-prova, ghalkemm forsi l-aktar wahda li tassigura li sar il-hlas, tista' ssir bi provi ohra konvincenti. *Inter alia*, permezz ta' xhieda jew skond dawk il-mezzi l-ohra stabbiliti mill-Kodici ta' Procedura ghal liema jirreferi l-Artikolu 1232 (1) Kodici Civili. Ara "**Avv. John Buttigieg *nomine* -vs- Joseph Portelli *nomine***", Appell Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976' "**Joe Chetcuti *et* -vs- Joseph Pearson *et nomine***", Appell, 5 ta' Ottubru 1998;

Premessi dawn il-preliminari, jirrizulta illi s-socjeta` attrici talbet, fost hlas iehor, il-pagament tas-somma fatturata a fol. 3 ghall-produzzjoni ta' DVD's. Is-socjeta` konvenuta tikkontrastalha dan il-hlas in kwantu ssostni li l-produzzjoni ma kienetx tal-kwalita` pattwita. Dan fis-sens illi d-DVD's ma kellhomx insiti sistema ta' "*looping*". Konsegwentement hi ghaddiet biex permezz ta' kontro-talba tazzjona lis-socjeta` attrici ghad-danni;

L-analisi li ghamel it-Tribunal jidher li hu bazat fuq il-preponderanza tal-provi prodotti. Minnhom it-Tribunal wasal ghal konvinciment li s-socjeta` attrici kienet inadempjenti mal-ftehim milhuq, ossija li din issuplixxiet DVD's li ma kienux jaqghu fil-parametri tal-kwalita` stabbilita f' dak il-ftehim. Kontra din l-analisi u konkluzjoni s-socjeta` appellanti tissottometti, fuq il-bazi tax-xhieda ta' Jens Klein, minnha kwalifikat bhala espert in materja, illi

seta’ kien hemm cirkostanzi estranei li affettwaw il-ftehim, u cjoe li d-DVD *player* ma kellux funzjoni ta’ *looping*;

Hu bil wisq ovvju illi, kif gja rimarkat, it-Tribunal ghazel li jaccetta bhala aktar attendibbli u kredibbli l-versjoni tas-socjeta` konvenuta.  Is-socjeta` attrici, kif gja nghad ukoll, thoss li f’ dan il-kuntest is-sentenza appellata kkastigatha u ghalhekk tilmenta li t-Tribunal skarta ghal kollox ix-xhieda ta’ l-imsemmi Jens Klein prodott minnha.  In linea ta’ massima jrid jinghad illi t-Tribunal kien f’ qaghda ahjar li jevalwa l-provi prodotti u jikkonstata wkoll min mill-kontendenti adegwatament sostna t-tezi tieghu.  Kif risaput ukoll, Qorti tat-tieni istanza ma ghandhiex leggerment tiddisturba l-apprezzament ta’ tali provi u kellha biss tindahal biex tvarja dak l-apprezzament ghal motivi gravi u jekk ikun jirrizultalha li fin-nuqqas tista’ tigi kawzata ingustizzja  manifesta;

Din il-Qorti irriezaminat il-provi istruttorji u ma ssibx li l-agravju fuq il-punt ta’ fatt jista’ jkun accettabbli.  Bizzejjed jigi osservat illi jekk kif ritenut minn Mark Spiteri, Managing Director tas-socjeta` attrici, hu ma giex provvdut bid-DVD *player* jew bil-*manual* tieghu, kien messu ma accettax li jaghmel is-*software* fuq il-bazi ta’ *trial and error*.  Seta’ ntebah mill-bidunett illi minghajr dak l-*equipment* d-DVD’s prodotti setghu jkunu inadatti u allura inidonei ghall-iskop li gew mixtrija mis-socjeta` konvenuta jew ghall-uzu li kien mahsub minn din is-socjeta` meta ordnathom.  Ma kien ta’ l-ebda konfort ghas-socjeta` konvenuta dak mistqarr minn dan ix-xhud” “*By trial and error and with our staff working more we managed to do it but without looping function*” (fol. 20);

Dan premess, hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi t-Tribunal ma kellux jieqaf fis-semplici konstatazzjoni tal-provi u jigbed minnhom il-konkluzjoni raggunta izda kellu jezamina wkoll jekk ir-rimedju adoperat mis-socjeta` konvenuta kienx guridikament konfacjenti ghal dak dispost fl-artikolu tal-ligi li jghodd.  Hu kellu jezamina jekk is-socjeta` konvenuta mal-konsenja, jew f’ xi zmien wara,

accettatx u approvatx id-DVD’s ghax jekk dan hu hekk il-kaz il-garanzija tal-kwalita` tispicca. Din il-Qorti hi tal-fehma illi fl-imgieba tas-socjeta` konvenuta kien hemm dik ir-rinunzja espressa li l-ligi tezigi biex dritt kif kontemplat fl-Artikolu 1390 jitqies abbandunat;

Il-precitat artikolu joffri lix-xerrej wahda minn zewg alternattivi u cjoe (1) jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew (2) li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta’ perit. Dan ifisser li s-socjeta` konvenuta kellha tpoggi lilha nnifisha f’ qaghda guridika li tkun tista’ tezercita xi wiehed minn dawn ir-rimedji u ma kellhiex, b’att stess taghha, tippregudika tali dritt;

Huwa bil-wisq elementari illi f’ kaz ta’ difformita` fil-kwalita` promessa tal-prodott kif hekk jirrizulta li hu l-kaz, dan kien jintitola lis-socjeta` konvenuta li tirrifjuta d-DVD’s, tirritornahom lura u, jekk ikun hekk misthoqq, tippromwuovi talba u azzjoni ghad-danni. Hi ma setghetx tibqa’ zzomm id-DVD’s fil-pussess taghha, taghmel uzu minnhom anke jekk forsi ghal ftit ta’ zmien, biex imbaghad, meta rinfaccjata ghall-hlas, tippretendi li sofriet danni. Mill-ebda parti mill-inkartament ma jirrizulta li s-socjeta` appellata ghaddiet ghad-depozitu taghhom biex b’ hekk timmanifesta l-intenzjoni taghha li riedet tirrizolvi l-ftehim ghal dik ir-raguni ta’ inadempjenza fil-kwalita` garantita. Ara, *in subjecta materia*, sentenzi fl-ismijiet “**Robert Bond -vs- Austin Agius *et***”, Appell, 16 ta’ April 1993 u “**Nazzareno Cauchi *et nomine* -vs- Joseph Baldacchino *et***”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997;

Fic-cirkostanzi, filwaqt li t-Tribunal kien korrett li stabbilixxa l-inadempjenza u rrifjuta li jilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici ghal hlas tal-prodott tad-DVD’s una volta dawn ma kienux tal-kwalita` pattwita, minn naha l-ohra ma kellux jilqa’ l-kontro-talba ghad-danni in kwantu, kif manifest, s-socjeta` appellata ma ottemperatx ruhha kif imiss mad-dispost ta’ l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' in parte l-appell interpost mis-socjeta` attrici billi thassar dik il-parti tas-sentenza li laqghet il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta ghad-danni. Tghaddi ghalhekk biex tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici appellanti s-somma limitatament ghall-fattura datata 22 ta' Gunju 2000 (Dok. A, fol. 2) u cjoe seba' mija tlieta u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm793.50,0) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza;

Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez gudizzjarji jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------